## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.55pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |

Uffiċjal Preżenti: Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

Udjenza : 0

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 19
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Allokazzjoni 2006/2007
(4) Rapport Awditur
(5) Kumitat Finanzi
(6) Jum l-Isla
(7) Imħażen tal-Maċina
(8) Laqgħa Pubblika
(9) Quotations Lattrini
(10) Tindif Katakombi u Ordni ta' Bankijiet Ġodda
(11) Approvazzjoni użu tas-Sala u Ġnien il-Gardjola
(12) Approvazzjoni Pagamenti

Is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni ta' regolamenti biex item 4 ta' l-Aġenda jiġi diskuss minnufih la jasal l-Accountant tal-Kunsill biex ikun jista' jindirizza il-laqgħa tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

## 20 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Qabel ma il-minuti tressqu għall-approvazzjoni , tressqu dawn il-korezzjonijiet:

1 (1) F'paġna 4 item 04/400/06 l tinbidel il-kelma 'allokazzjoni' bil-kelma 'effiċjenza'.

1 (2) F'paġna 9 minuta 19 (10) Ħlas ta' pagament. L-ammont ta' ħlasijiet iridu jiġu jaqraw hekk ' Lm14,657.21' flok dawk ikwotati 'Lm17,707.89' u 'Lm2,029.59' kif kienu proposti.

1 (3) Il-Viċi Sindku Walter Ahar, issekkondat mill-Kunsillier Reno Chircop ipprepara biex dawn il-minuti jiġu approvati hekk kif korretti.
Dawn il-minuti ġew approvati nem com.

1 (4) <u>Matters arising</u>

- Dockyard Terrace – Il-kuntrattur li kien qed jaħdem f'dan il-bini nhar it-Tnejn sejjer jiġbor l-iskart kollu tal-bini li ħalla warajh.
- Talba ta' l-Arċipriet – għandhom isiru aktar diskussjonijiet.
- Andrew Hamilton mill-Kummissjoni Għolja Ingliża ġie mistieden biex iżur il-Kunsill nhar it-Tlieta 4 ta' April 2006. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa biex jattendu.
- Is-Sindku mhux sodisfatt bix-xogħol ta' l-HRA li sar fi Triq San Ġużepp. Sejjer jistenna ir-rapport tal-Perit.
- Side Streets Imblukkati – qed jiġi innutat li qed isir parking matul il-ħin ta' filgħodu fi triqat id-Duluri u Sant' Anġlu bil-konsegwenza li qed jiġi mblukkat l-aċċess tat-traffiku minn Triq il-Vitorja għal Triq iż-Żewġ Mini. Talba biex il-Warden jieħu il-passi meħtieġa.

Note: Il-Kunsillier Louis Henwood daħal għal laqgħa fil-6.55pm.

## 20 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u il-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Nr. 19)

2.1 Ħlasijiet pendenti tat-Town Twinning (9 ta' Marzu 2006)

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit kellhom laqgħa mad-diriġenti tal-lukanda San Antonio fejn sar qbil li mill-kont pendenti ta' Lm550 jitnaqqsu Lm188 minħabba rati mhux kif kienu ikkwotati.

Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada ħalliet il-laqgħa fis-7.11pm

2. 2 Laqgħat mal-Kuntratturi (14 ta' Marzu 2006)

Saru laqgħat mat-tlett kuntratturi li ħadu it-tenders separatament (SCS 04), (BR 04), (PKG 04), fejn ġie imfisser lilhom il-ħidma meħtieġa minnhom, b'effett mill-1 ta' April 2006.

2. 3 Toroq mhux lesti jew li qatt ma saru (23 ta' Marzu 2006)

Saret laqgħa mas-sur Vince Micallef Pule' bit-tema ta' toroq li hawn fi stat ħażin bil-possibilita' li jsiru mill-Gvern Ċentrali.

Saru żjarat f'dawn it-toroq : ix-Xatt, Miġja tal-Papa, is-Sur, San Ġiljan, Kappillan Franġisk Azzopardi, l-Arkati, Kunċizzjoni. Ittieħdu wkoll xi ritratti.

2. 4 Tieġ fi Ġnien il-Gardjola (27 ta' Marzu 2006)

Saret laqgħa mas-sur Albert Buttiġieġ li talab permess biex jagħmel it-tieġ tiegħu fi Ġnien il-Gardjola nhar is-Sibt 28 ta' Lulju 2007 (kopja mehmuża 04/0499/06/I).

Ġie mfisser lilu il-proċeduri u il-kundizzjonijiet imfassla mill-Kunsill dwar l-użu ta' Ġnien il-Gardjola. Huwa aċċetta dawn il-kundizzjonijiet.

Il-Kunsill approva it-talba tas-sur Buttiġieġ.

2.4.1 Kien hemm talba mis-sur Maurice Siracusa biex juża Ġnien il-Gardjola. iżda dan ma weġibx għas-sejħa tas-Sindku biex jiltaqgħu.

2. 5 Laqgħa ma l-ispettur Angelo Gafa' (Sezzjoni Frodi) (28 ta' Marzu 2006)

Is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit kellhom laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill ma l-ispettur Gafa' bħala Liason officer mal-Kunsill , fejn dan fisser kif il-Kunsill jista' jkun ta' għajnuna fix-xogħol tagħhom fejn għandu x'jaqsam ma krimini ta' frodi.

2.6 Korrispondenza

Ġiet preżentata il-korrispondenza mibgħuta u rċevuta bejn is-7 ta' Marzu 2006 u id-29 ta' Marzu 2006.

04/0494/06/I Talba għall-użu ta' Pjazza J B Azzopardo

Is-Sur Andrew Winters, barman ta' Senglea Gunners talab biex juża l-ispazju li hemm fi pjazza J B Azzopardo bil-kundizzjoni li jieħu ħsieb it-tindif tat-taraġ li hemm biswit kif ukoll l-ispazju ta' ħdejn it-toilets (kopja mehmuża).

Il-Kunsill approva din it-talba.

04/0493/06/I Xandir ta' DVD ta' l-Isla fuq stazzjon tat-television fil-Kanada.

Il-Kunsill laqgħa it-talba tas-sur Joe Camilleri (kopja tat-talba mehmuża). Il-Kunsill qed jitlob dritt ta' ħlas minħabba broadcasting rights.

04/0501/06/I Stedina mill-Kummissjoni Ewropea f'Malta

Għal din il-laqgħa sejjer jattendi is-Sindku Joseph Casha. Is-suġġett huwa l-Ewropa tagħti widen ; konsultazzjoni mas-Soċjeta' Ċivili Maltija. (3 – 8 ta'April 2006)

04/0520/06/I Donazzjoni mill-Kunsill lir-Regatta Club

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali informa lill-Kunsill biex l-għajnuna li il-Kunsill ta lil dan il-club tiġi mrodda lura għax din hija meqjusa bħala donazzjoni.

Il-Kunsill oġġezzjona għal dan u bagħat it-tweġiba tiegħu (kopja mehmuża).

04/0524/06/I Laqgħa tas-Sindki u il-Viċi Sindki

Din sejjra issir bejn is-26 u is-27 ta' Mejju 2006

04/0529/06/I Funding Opportunities in the Euro Med Region

Dan huwa tagħrif mibgħut mill-organizzazjoni AVEC.

Is-Segretarju Eżekuttiv sejjer jagħmel il-kummenti tiegħu dwar dan ir-rapport.

04/0544/06/I Ftehim ta' Internet Centre set up

Dan il-ftehim qed isir bejn il-Ministeru għall-Investiment, Informazzjoni u Teknoloġija u il-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill ġie mitlub li jħallas lura lid-Dipartiment għal Gvern Lokali Lm120 bħala kontribuzzjoni għal dan is-servizz.

04/0546/06/I Allokazzjoni Finanzjarja 2006/2007

Din l-allokazzjoni hija ta' Lm83,347 kważi Lm800 inqas mis-sena ta' qabel 205/2006.

04/0549/06/I Grupp Gwardjola

Il-Kunsill approva it-talba ta' dan il-Grupp biex jagħmel attivita' fil-Gardjola fil-21 ta' Lulju 2006.

04/0563/06/I Oġġezzjoni dwar tankijiet fl-area ta' Kordin

Il-Kunsill qabel li jagħti l-appoġġ tiegħu għall-oġġezzjoni imqajjma mill-Kunsill ta' Raħal il-Ġdid dwar it-tpoġġija ta' dawn it-tankijiet f'Kordin.

04/0566/06/I VUCC – Surch Project

Wara il-laqgħat li saru f'Marzu 16 u 17 fejn ġie diskuss abbozz ta' programm għal tlettax il-xahar. Attendew għal dawn il-laqgħat is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

Għanda issir konferenza nhar is-Sibt 22 ta' April 2006 fejn sejrin ikunu mistiedna il-Kunsilli kollha msieħba.

04/0572/06/I Proġett Home Start

Membri mill-Cottonera Community Service infurmaw lill-Kunsill dwar dan il-proġett u biex il-Kunsill jgħati pubbliċita' lil dan il-proġett. (Notice Boards).

04/0523/06/I Użu minn Ġnien il-Gardjola

Il-Kunsill approva it-talba tas-sinjura Azzopardi biex itella Song Contest f'dan il-Ġnien fl-1 ta' Lulju u fit-18 ta' Awissu 2006 sakemm taċċetta il-kundizzjonijiet li għamel il-Kunsill.

04/0585/06/I Jum iż-Żgħażagħ 2006 – KDŻ

Programm ta' attivitajiet li sejrin jittellaw bejn is-7 ta' April u id-9 ta' April 2006

04/0593/06/I Talba għall-użu tas-sala (7 ta' April 2006)

Il-Kunsill approva it-talba tas-sinjura Compagno biex tagħmel birthday party fis-sala tal-Kunsill.

04/0597/06/I Talba għall-użu tas-sala (2 ta' April 2006)

Il-Kunsill approva it-talba tal-familja Delia biex jagħmlu birthday party għat-tfal tagħhom.

04/0602/06/I Enemalta –proċeduri ġodda

L-Enemalta infurmat lill-Kunsill dwar proċeduri ġodda biex isir street lighting ġdid billi issir talba formali.

04/0620/06/I Ħsarat mal-faċċata

Il-Kunsill qed jindaga l-ilment imressaq mis-sinjura Edwina Spiteri lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

04/0622/06/I Programm edukattiv mill-Korp tal-Pulizija

Il-Kunsill ġie infurmat bl-istedina tal-Korp tal-Pulizija għal kampanja edukattiva mtella mill-Korp (kopja mehmuża)

Il-Kunsill bi ħsiebu jinkludi dan fil-programm li qed jitħejja għal Jum l-Isla.

04/0622/06/I Laqgħa Process of Network based Cultural Planning.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni stieden lill-Kunsill biex jinnomina persuna ħalli tkun rappresentant tal-Kunsill.

Il-Kunsill innomina lill-Kunsillier Louis Henwood.

04/0635/06/I Lejla Funebri ( 9 ta' April 2006)

Is-Soċjeta' Filarmonika 'La Vincitrice' ta' l-Isla stiednet lill-membri kollha tal-Kunsill biex jattendu għal dan il-Kunċert. Il-Kunsill sejjer jattendi.

04/0642/06/I Kumitat għar-riabilitazzjoni tal-Kottonera.

Il-Kunsill irċieva il-minuti tal-laqgħa li saret fl-24 ta' Marzu 2006 fejn hemm indikat ix-xogħol li sejjer jitwettaq f'Bieb Sant' Anna, id-dawl fi Ġnien il-Gardjola u dwar il-Ground tal-Football (minuti mehmuża. Ref 3 – 4 ).

04/0626/06 Nefqa tal-Kunsill Kommunita' u Ospitalita' 2004/2008

Il-Kunsill wieġeb għat-tagħrif mitlub li kien innutat fir-rapport ta' l-Awditur Ġenerali dwar dan is-suġġett. (kopja mehmuża)

04/0644/06 Trench Excavation Payment WSC

Din il-Korporazzjoni fakkret lill-Kunsill fil-ftehim li kien sar f'Novembru 2002 dwar xogħolijiet ta' trenching f'dawn it-toroq fl-Isla : Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Lawrenz, Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sant' Anna, Triq il-Kunċizzjoni, Triq id-Duluri, Triq Sant'Ursola, Triq Sant'Anġlu, Triq il-Ponta, għal ispiża ta' Lm28, 9400.

Minn naħa tiegħu il-Kunsill kellu joħroġ is-sehem tiegħu ta' Lm3000 (kopja mehmuża)

04/0645/06/I Talba mill-Cottonera College Pilot Project

Biex tingħata kopja ta' DVD tal-belt ta' l-Isla (li il-Kunsill għadu kemm ħareġ) lil dan il-Kulleġġ u lill-iskola Primarja tal-Isla, Skola Sekondarja Erin Seracino Inglott, Skola Lorenzo Gafa' u Skola Ġużeppi Despott.

04/ /06/I Talba biex iniedi lezzjonijiet ta' l-Arti fis-Sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva it-talba tas-sur Raymond Borg. Sejra issir laqgħa miegħu.

## 20 (3) Allokazzjoni tal-Kunsill 2006/2007

L-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-Kunsill għas-sena finanzjarja 2006 / 2007 hija ta' Lm83, 347 (kopja mehmuża)

3 1 Is-Sindku saħaq li għalkemm din hija elf lira għola mis-sena l-oħra, hemm funzjonijiet li il-voti tagħhom ġew imnaqqsa sewwa. Dawn huma il-voti għal żamma ta' Soft Areas, tindif ta' toroq u marki u sinjali tat-toroq.

Is-Sindku irrimarka li il-vot għall-amministrazzjoni tal-Kunsill jammonta għal madwar Lm28,000. Fil-fatt in-nefqa għall-amministrazzjoni tal-Kunsill tegħat għal Lm36,000. Jidher li hemm xi ħaġa ħażina jew il-Gvern mhux jagħti allokazzjoni biżżejjed.

3.2 Is-Sindku informal lill-Kunsill li minnufih inbatgħet ittra lid-direttur għal Gvern Lokali biex juri id-disapprovazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas fil-voti ta' flus li bilfors sejjer joħloq diffikultajiet fid-doveri tal-Kunsill. (kopja mehmuża)

## 20 (4) Rapport ta' l-Awditur

Is-Sindku ippreżenta ir-rapport ta' l-Awditur Ġenerali għall-Kunsill Lokali għas-sena finanzjarja 2004/2005. Memo 7/2006 (kopja mehmuża).

4 .1 Is-Sindku Joseph Casha stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex tagħti il-kummenti tagħha fuq dak li ikkummenta l-Awditur Ġenerali fejn għandu x'jaqsam il-Kunsill ta' l-Isla.

4. 2 L-Awditur tal-Kunsill ikkumenta li meta l-Awditur Ġenerali ikkalkulha li dan il-Kunsill nefaq Lm27,940 għal komunita' u opitalita'. (jiġifieri 33% ta' l-Allokazzjoni) ma kienx korrett għax ma ħax dawn il-konsiderazzjonijiet.

- Lm1237 għat-trasport
- Lm10557 dħul mill-kontribuzzjonijet tal-pubbliku
- Lm8321 EU Gateway Project li ġew rifundati mill-EU.

4. 3 Meta wieħed inaqqas dan l-ammont ikkwotat, in-nefqa finali ta' l-Ospitalita u komunita' tinżel għall-ammont ta' Lm7825 jiġifieri għal 9% ta' l-allokazzjoni Annwali.

## 20 (7) Imħażen Maċina

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta stqarrija li intbagħtet lill-mezzi tax-xandir u gazzetti dwar kif kien qed jaħsibha il-Kunsill dwar l-għoti ta' dawn l-imħażen (kopja mehmuża).

7.1 Ta' min jinnota li il-Kunsill kien applika għad-devoluzzjoni ta' dawn l-imħażen biex jagħmel proġetti ta' fejda għaż-żgħażagħ u il-kommunita' tal-lokal.

7.2 Il-Kunsill għadu qed isegwi dak li qed iseħħ fuq l-għoti ta' dawn l-imħażen u bi ħsiebu jaġġixxi meta jkun il-waqt.

7.3 Il-Kunsill qal li din l-istqarrija ser tintbagħat flimkien mal-kwestjonarju lir-residenti.

## 20 (8) Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill qabel li il-laqgħa pubblika annwali għandha issir fil-21 ta' April 2006 fis-6.30pm.

## 20 (9) Quotations Latrini

9.1 Minkejja l-isforzi li il-Kunsill kien għamel biex iżomm il-latrini tal-Ponta f'kundizzjoni tajba, il-vandaliżmu kien baqgħa sejjer bil-konsegwenza li kellu jagħlaqgħom.

9.2 Għaldaqstant dan il-Kunsill kien qed jikkunsidra li jitlob lil terzi persuni biex jieħdu ħsieb u jmexxu il-latrini tal-Ponta.

9.3 Il-Kunsill awtrorizza' lis-Senglea Regatta biex jieħdu ħsieb il-latrini tal-Ponta bi prova sakemm isir avviż fin-Notice Boards fejn il-Kunsill jitlob quotations tal-latrini separati.

9.4 Il-Kunsill sejjer jikkunsidra dawn il-kwotazzjonijiet.

## 20 (10) Tindif Katakombi u Ordni ta' Bankijiet Ġodda

Is-Sindku Joseph Casha informal lill-Kunsill li hemm bżonn li jiġi mnaddaf katakombi li jinsab fi Ġnien d'Homedes. Dan jinvolvi tlett ijiem xogħol għal valur ta' madwar Lm300.

10.1 Hemm bżonn ta' madwar 6 jew 8 bankijiet li dawn jqumu madwar Lm32 il-wieħed.

10.2 Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 20 (11) Applikazzjoni għal kiri tas-sala tal-Kunsill u ta' Ġnien il-Gardjola

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta il-proċeduri u il-kundizzjonijiet biex wieħed jagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill u ta' Ġnien il-Gardjola (kopji mehmuża).

11.1 Il-Kunsill approva dawn il-proċeduri u il-kundizzjonijet kif preżentati.

## 20 (12) Ħlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-ammont ta' Lm8,848.68 (Lm3,730.27 + Lm5,118.41) bħala ħlas ta' pagamenti għal perjodu ta' bejn it-8 ta' Marzu u is-27 ta' Marzu 2006.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fit-8.46pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv